FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar Il-Hamis 3 ta' Lulju, 2002

**Avviz Nru: 1346/01 PM**

**Stephen Calleja**

**Vs**

**Roderick Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' elf Lira rapprezentanti danni kkagonati f' incident tat-traffiku kif spjegat fl-avviz;

Ra r-risposta fejn il-konvenut sostna li ma kienx responsabbli ghall-incident;

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti tal-kwza;

Skond ir-rapport tal-Pulizija l-attur qal:

“Jiena kont gej bill-vettura IAG 972 u kif kont se naqbzu, rassni u bqajt diehel go l-haxix u nqlibt”;

Il-konvenut qal: “Jiena kont niezel bill-vettura ROD611 fuq in-naha ta’ gewwa u f’daqqa qlajt daqqa u rajtu jinqaleb”;

F’ kawzi cicvili l-attur li jallega li xi haga gratlu b’ tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Il-gudikant ghandui jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali  hija bizzejjed bhala li hija bbazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. (ara “Zammit vs  Petroccochino”, Qorti tal-Appell 25/02/1952);

Illi l-Pulizija xehed li l-brake marks impimngijin fuq l-skizz zgur huma taz-zewg karozzi involuti. Illi minn din ix-xhieda jirrizulta li l-verzjoni tal-konvenut mhijiex kredibli;

Illi mill-brake marks jidher li f’ xi hin il-konvenut qasam fuq il-lane ta’ barra. Regola kardinali ta’ lane discipline hija dik kif fill-passagg minn lane ghal ohra is-sewwieq ma ghandux jikkaguna xi inkonvenjent jew periklu ghall-vetturi ohra;

Illi l-fatt li l-attur inqaleb jaghti indikazzjoni li l-attur kien ghaddej bi speed aktar milli jmissu. It-Tribunal irid isib ghaliex gara l-incident. Illi mill-skizz jirrizulta li f' hin minnhom l-konvenut qaleb il-lane, ostakola l-attur u ghalhekk gara l-incident;

Ili l-ammont mitlub mhux ikkontestat;

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonjijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut ihallas elf lira Maltin, Lm1000, lill-attur bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**